**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAR-RABA'  LAQGĦA (04)**

**l-Erbgħa, 28 ta' Awwissu 2019 fis-6.00 pm** — Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| Uffiċjali: | Is-Sa Romina Perici Ferrante | Accountant |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| Skużat: | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |

Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm u kienet ippreseduta mis-Sindku.

Il-laqgħa bdiet b'talba qasira fis-6.30pm.

04.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba**

*Qari tal-ittri ta' apoloġija u talba tal-bidu*

Is-SE ra e-mail waqt il-laqgħa fejn fiha is-Sur Grima talab li jkun skużat. Il-KLR skużah..

04.04 Fuq qbil unanimu, kien hemm bdil ta' xogħol fl-agenda: l-*item* tar-Rapporti Finanzjarji tal-ewwel u t-tieni kwart kienu eżawriti fil-bidu nett biex is-Sa Perici Ferrante tkun tista' titlaq propju wara li jkunu diskussi. Hija spjegat kif l-FSI fit-tieni kwart, jiġifieri meta daħlet għax-xogħol tagħha din il-leġislatura, kien fil-pożizzjoni ta' 122% u mhux il-minimu ta' l-10% li hu rikjest mid-Dipartiment Gvern Lokali. Hija ssuktat tgħid illi hemm €1.4 miljuni bħala *working capital*. Ir-rapporti finanzjarji kienu proposti għal vot mil-Viċi Sindku u ssekonda s-Sindku u dawn kienu approvati b'vot unanimu.

*Bdil ta' xogħol fl-Agenda – Rapporti Finanzjarji tal-ewwel u t-tieni kwart.*

Is-Sa Perici Ferrante ħarġet mil-kamara fis-6.30pm.

04.02 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (2)**

Minuti u punti mill-minuti

Is-SE silet xi punti mill-minuti li għalkemm dawn ma kienux moqrija ġew meħuda bħala moqrija. Aktar tard dawn kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro u kienu approvati b'vot unanimu u ffirmati.

Hawn Chris Farrugia talab illi għal Jum ir-Rabat għandhom ikunu rikonoxxuti l-kunsillieri, tal-kumitati amministrattivi li kienu ġew xolti għax ma kienux inklużi fil-lista ta' rikonoxximenti esebiti fil-programm. Is-Sindku issekonda u kien hemm qbil unanimu illi dawn jingħataw rikonoxximent nhar it-2 ta' Settembru.

Is-SE qal illi flimkien ma' Dr Karl Muscat marru jaraw xi spazju hemm verament fil-*garage* li qed jikri l-KLR minn għand is-Sur Tanti. Is-SE ikkonkluda illi f'2 *car garage* joqgħodu l-affarijiet kollha li hemm fih ġaladarba mhux qed jiġi pparkjat il-van u jekk il-KLR mhux se jdaħħal xi vettura ġdida fih.

04.03 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 295 u *Works Order* 14.**

Ċedola tal-pagamenti u l-Ordnijiet tax-xogħol

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 295 u l-Purchase / Works Order list no 14 b'mod unanimu billi kienet proposta mis-Sra Doris Coleiro u ssekondata mis-Sur Matthew Chetcuti.

04.05 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Mistoqsijiet tal-kunsillieri

Is-Sindku talab *feedback* lis-Sur Chris Farrugia dwar il-paġna ta' facebook 'Kunsill Lokali Rabat Malta'. Is-Sur Farruiga qal illi hu sodisfatt ħafna bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-mod kif din kienet milquha.

Għall-proposta ta' *mobile app*, il-KLR iħoss illi ma rridux ngħaġġlu wisq fuq dan il-materja minħabba li tinħtieġ aktar riżorsi umani biex timmaniġġjaha għakenn din hija proposta valida mmens.

Fil-punt Mistoqsijiet oħra, Matthew Chetcuti stqarr illi lesta l-*poster* biex inkunu nistgħu inħabbru l-pjanijiet tagħna fejn se nipparteċipaw fil-kampanja *Clean Up the World* nhar il-15.9.19 fid-9.00am. Kien deċiż illi jiġi magħżul is-sit fejn il-Knisja tal-Vitorja tal-Imtaħleb propju nhar il-festa li se tkun iċċelebrata dak in-nhar hemmhekk stess. Se jkun organizzat it-trasport mis-Saqqajja u se tintbgħat stedina lill-għaqdiet.

Dr Karl Muscat qal illi qed tkun varata l-kampanja tal-indafa prinċipalment biex tkun indirizzata l-problema tal-ħamiem selvaġġ. Din hija problema għaliex ir-residenti mhux qed imorru fir-residenzi magħluqa tagħhom u jagħlqu d-dħulijiet fejn qed ibejjet il-ħamiem. Hu qal illi jekk naraw li m'hi se tittieħed l-ebda' azzjoni allura ma jibqgħalniex alternattiva oħra ħlief li nieħdu azzjoni ulterjuri.

04.06 **SPI/SCI/14/2019 – Skema finanzjarja favur il-Komunita' - *Community Inclusive Employment Scheme.***

Community Inclusive Employment Scheme

Għall-iskema nazzjonali bl-isem *Community Inclusive,* kien deċiż illi l-KLR japplika għal skrivan*/receptionist* ħalli tkun indirizzata l-problema tal-istaff fil-Muniċipju

04.07 **Nominazzjoni ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv** Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kienet diskussa l-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Kien deċiż illi nagħmlu kuntatt ma' Roberta Galea u naraw jekk taċċettax. Fin-negattiv, se ssir nomina' ta' tliet Segretarji Eżekuttivi mill-lokalitajiet tal-madwar.

04.08 **Proposti Ħruġ ta' Offerti Pubbliċi.**

Issemma' wkoll il-kuntratt tas-***soft areas*** li se joħroġ dalwaqt u l-bżonn li jiżdiedu s-siġar wara l-inizjattiva li ttieħdet dawn l-aħħar jiem minn Infrastruttura Malta (IM) biex żdiedu s-siġar taħt is-Saqqajja u f'Għar Barka. Ian Vassallo qal illi fi Vjal il-Ħaddiem hemm 17-il siġra neqsin,filwaqt li s-Sindku sostna illi dawn lesti li jħawwluhom IM. Kris Grech indika post potenzjali fiz-zona tal-Kunċizzjoni fil-Baħrija fejn hemm iċ-ċans li jitħawwlu aktar siġar. Se naraw jekk din hix propjeta' tal-Gvern. Kuntratt tas-Soft Areas

Is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi dwar il-kuntratt il-ġdid tal-**ġbir tal-iskart**, se nżidu l-multi ħorox fid-*default notices,* u se tkun mandatorja illi l-kollettur ikollu trakk żgħir tal-elettriku/gass li jgħaddi minn toroq dojoq sabiex ma nibqgħux insibu munzelli ta' skart fl-irkejjen u dan jibda' jinġabar minn wara l-bibien tan-nies. Is-Sindku qal illi fil-kuntratt il-ġdid se nkunu qed ninsistu illi anke f'ċertu zoni fl-*outskirts* bħal Landrijiet, Kuncizzjoni, Salvatur ecc, il-kollettur irid jgħaddi kuljum, filwaqt li se nimpjegaw il-*contract manager* li se jkun qed jagħmel *monitoring* kif suppost. Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart

Dwar is-**servizz tal-knis**, is-Sindku qal illi bħalissa, ir-Rabat kollu qed jinkines minn tliet persuni biss u għandna d-dubji tagħna jekk dawn hux qed jitħallsu b'mod ġust. Dan in-numru irid jiżdied almenu għal seba' persuni biex inkunu qed nikinsu b'mod aktar frekwenti u strutturat speċjalment fiz-zona turistika li trid tinkines u jitbattlu l-*litter bins* darbtejn kuljum. Is-Sindku qal illi fuq kollox dawn il-kenniesa jrid ikollhom il-*health and safety gear.* Kuntratt tal-Knis

Kuntratt ieħor li se joħroġ il-KLR hu dak tal-**bankini** b'materjal bħall-madum tal-lava, porfido u r-*resurfacing* ta' toroq fuq bażi ta' *period contract.* Kuntratt tal-bankini

04.09 **Rinovar tal-Bini Muniċipali** Uffiċċju Muniċipali

Is-Sur Nazju Cassar qal illi fil-jiem li għaddew sar it-tindif tal-kantina tal-Muniċipju filwaqt li s-Sindku irringrazzjah ta' dan. Intant qed nesploraw jekk il-Kunsill hux possibbli li jiċċaqlaq għal xi post ieħor anke temporanjament sakemm isiru x-xogħlijiet ta' *refurbishment.* Hawn issemmiet l-Iskola Primarja A li se tiżvojta. Sadanittant qed nirriattivaw l-applikazzjoni li kienet saret fil-passat biex isir dan il-propost refurbishment propju fil-bini muniċipali fejn ninsabu.

04.10 **Il-Ġnien propost quddiem il-Knisja tal-Baħrija** Ġnien tal-Baħrija

Issemma' l-ġnien propost quddiem il-Knisja l-ġdida tal-Bahrija. Hawn is-Sindku semma' laqgħa li kellu mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada għaliex hemm xogħlijiet ippjanati mhux biss għal-ftuħ ta' librerija pubblika fl-iskola Primarja B iżda anke oħra fil-Baħrija. Kien diskuss ukoll il-possibilita' li jsir ground tal-futbol.

04.11 u 04.12 **Ingaġġ Skrivan/a Skala 16**

Ingaġġ ta' Skrivan/a

Dwar l-andament tal-uffiċċju, is-Sindku spjega illi ser ningaġġaw aktar impjegati u l-problema ewlenija tibqa' l-*front office* li mhux ilaħħaq mat-telefonati minħabba ħruġ ta' permessi u ħlasijiet. Hu qal illi l-ħaddiema fil-*customer care* għandhom bżonn *'brushing up'* u ninħtieġu *telephone operator* minħabba t-talba ta' servizzi speċjalizzati bħalma huma t-talbiet tal-ġbir tal-iskart goff. Hu sostna illi din il-*call* interna għandha tagħlaq fl-aħħar tax-xahar ta' Awwissu għax biex inħaffuha naqqasna r-rekwiżiti (skala XVI flok XV).

04.13 **Korrispondenza**

Tindif tal-Widien

Dwar l-importanza tat-tindif tal-widien,is-Sindku qal illi bħalissa qed jitnaddaf Wied il-Qlejgħa mil-ħaddiema tal-kuntrattur tal-Gvern Ċentrali.

Natalis Notabilis

Matthew Chetcuti stqarr illi ltaqa' ma' uffiċjali tal-attivita' *Natalis Notabilis* u dawn talbu aktar fondi mill-€1,500 li tħallsu is-sena li għaddiet, biex it-toroq fin-naħa t'isfel tar-Rabat jibqgħu mixhula fil-Milied. Kien deċiż illi ssir it-tieni laqgħa formali ma' dan il-kumitat wara li s-Sindku qal illi kien hemm qbil illi l-KLR iħallas għall-arloġġi tad-dawl (mhux il-konsum) tal-Korporazzjoni Enemalta u b'hekk inkunu qed nidħlu bħala *co-sponsors* tal-attivita'.

Fiera tal-Ktieb

Dr Karl Muscat fakkar fl-inizjattiva li se tippromwovi l-qari bejn it-13 u l-15 ta' Settembru fejn il-KLR se jkun qed jorganizza Fiera tal-Kotba flimkien ma' *Agenda Bookshops,* fil-Wignacourt Museum. Peress li ż-żmien hu idoneu minħabba li issa waslet biex terġa' tibda l-iskola, l-istudenti se jkunu inkoraġġiti sabiex jattendu u jakkwistaw xi ktieb b'roħs speċjali.

Bandla għal persuni bi bżonnijiet differenti

Matthew Chetcuti ippropona illi ssir bandla għal tfal bi bżonnijiet speċjali fil-ġnien ta' Bir Iljun. F'dan il-ġnien jinħass il-bżonn illi l-latrini pubbliċi jsiru *stores* tal-kenniesa fejn ikunu jistgħu ipoġġu l-krieret tagħhom għaliex hu ttamat illi bil-kuntratt il-ġdid dawn se jkollhom il-GPS u għaldaqstant ikunu jridu jiġu ċċarġjati. Biex dan is-sit ma jibqax ikun vandalizzat, se jitwaħħlu *cctv cameras* fl-inħawi.

Planters tal-Pjazza

Issemma' l-bżonn li jiġu mibdula l-qsari li hemm fil-*planters* fil-Pjazza tal-Parroċċa.

Parkeġġ

Kien hemm proposta ta' Dr Karl Muscat sabiex isir ta' parkeġġ taħt il-Ġnien ta' Bir Iljun. Is-Sindku qal illi jinsab ċerti illi hemm diffikultajiet minħabba fdalijiet li jistgħu jinstabu waqt l-iskavi peress li hemm kien parti mill-Imdina u post tad-dfin.

Monument f'Ġieħ is-Sur Frans Galea

Se ssir follow up dwar il-ħtieġa li jkun kostruwit il-monument f'Ġieħ Frans Galea. Dan hu ttamat li jsir fi Triq G Gatt quddiem l-iskola Primarja B.

Storm Water Culverts

Se ssir spezzjoni fuq l-isprall tal-*istorm water gutter* viċin Ħal Bajjada u Dar Ħanżira peress li kien hemm rapporti ta' ilma eċċessiv fit-toroq fl-inħawi probabbli minħabba xi sadd.

Appartamenti ta' Għeriexem

Is-Sra Doris Coleiro semmiet il-bżonn li tkun indirizzata l-problema ta' ħġieġ imkisser fil-komun tal-Blokka 3 tal-appartamenti ta' Għeriexem. Hawn is-Sindku qal illi rridu lil xi ħadd professjonali li jagħmlilna pjan biex ngħadduh lill-Awtorita' tad-Djar dwar l-appartamenti ta' Għeriexem u dawk ta' Għajn Qajjet.

Dan għaliex jinħass il-bżonn ta' ħafna manutenzjoni.

Is-Sra Doris Coleiro talbet biex nerġgħu nordnaw mera tat-traffiku fejn kienet twaħħlet waħda f'Landrijiet għaliex din insterqet bil-pole b'kollox u se titwaħħal kurduna ġdida fi Triq il-Konti Ruġġieru u jinfetaħ il-gandott tal-ilma li kienu saddewh xi residenti. Mera f'Landrijiet u culvert fi Triq Konti Ruġġieru

Is-Sra Doris Coleiro semmiet il-lampa l-ġdida li għadha ma tqabbditx mill-Korporazzjoni Enemalta fl-inħawi tas-Salvatur (Kastell). Is-SE kien bagħat l-applikazzjoni STL biex din titqabbad u se jsir follow up tagħha. Lampa ġdida f'Tas-Salvatur

Is-Sur Kris Grech saħaq fuq l-importanza tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin mil-Fiddien sa Landrijiet ħalli ma jkunx hemm ostakolu tal-vista mix-xufiera. Qtugħ tal-ħaxix

Is-Sur Matthew Chetcuti talab li jsir follow up tal-applikazzjoni tal-ERA dwar l-iżbir ta' siġar taż-żebbuġ fi Triq Santa Rita. Applikazzjoni taż-żbir ta' siġar

Is-Sur Chris Farrugia semma' l-parkeġġi li saru f'Tal Virtu' fi Triq Carlo Fiamingo għaliex il-KLR ma kienx jaf bihom u m'għamilhomx hu. Se tintalab klarifika. Road Markings f'Tal-Virtu'

Issemma' l-bżonn li jinħtieġ li tkun indirizzata t-talba tar-residenti ta' Triq G Gatt mal-Pulizija biex dawn jitħallew joħorġu u jidħlu fi djarhom anke waqt il-ħinijiet tal-iskola fejn il-ġenituri tat-tfal ma jitħallewx jidħlu u joħorġu. One-Ways fil-ħinijiet tad-dħul tat-tfal fl-iskejjel

Fit-20.00pm Ian Vassallo kien skużat u telaq mill-kamra.

Is-Sur Kris Grech semma l-bżonn li jsiru l-parkeġġi mmarkati biż-żebgħa mal-art f'nofs il-Pjazza tal-Baħrija. Parkeġġi fil-Pjazza tal-Baħrija

Is-Sra Doris Coleiro ressqet għall-approvazzjoni l-programm tal-ħarġiet għall-anzjani. Dwar dan kien hemm qbil mil-KLR. Ħarġiet għall-anzjani

04.14 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Tmiem il-laqgħa u data ta' laqgħa oħra

Din il-laqgħa ntemmet fit-20:30 u dik li jmiss se ssir nhar il-11 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 3.7.19 minn | Alexander k/a Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |